# Ir-Raba’ Kapitlu

Indiċi 86

Ir-Raba’ Kapitlu 88
Is-Snin Sittin 88
Is-Sena 1960 88
Il-Fond Soċjali Ewropew 88
Konvenzjoni u Bdil ta’ Isem 88

Żviluppi fis-Sena 1961 89
Indħil u Theddida għall-Pensjonijiet 89
Proposta għal Kummissjoni u Kunsill Wieħed 90
Żviluppi Oħra 90

Żviluppi fis-Sena 1962 92
Il-Parlament Ewropew 92
Regolamenti tal-Politika Agrikola Komuni 92
Il-Politiċi Norveġiżi Japplikaw ghas-Sħubija 93
Ikomplu Jitnaqqsu d-Dazji 93
Regolamenti fuq l-Ikel 93

Żviluppi fis-Sena 1963 94
Il-Każ Van Gend en Loos 94
Aktar żviluppi 94
It-Tieni Konvenzjoni ta’ Jaounde’ 95
Qbil fuq Kummissjoni Waħda u Kunsill Wieħed 95

Is-Sena 1964 97
Il-Każ Flaminio Costa v Enel 97
Ftehim fuq Kummissjoni Waħda 99
L-Iffinanzjar tal-Politika Agrikola Komuni 99

Żviluppi fis-Sena 1965 100
Il-Politika tas-Siġġu Vojt 100
Ostakli ta’ Natura Teknika għall-Kummerċ 101
Eżempji ta’ Ostakli Tekniċi 101
Sentenza Oħra tal-Qorti 102

Żviluppi Matul is-Sena 1966 103
Il-Kompromess tal-Lussemburgu 103
Aktar żviluppi 104
Ratifika 105
Aktar Laqgħat, Deċiżjonijiet u Riżoluzzjonijiet 105

Is-Sena 1967 106
Armonizzazzjoni tat-taxxi u d-Dħul tat-Taxxa tal-VAT 106
Applikazzjonijiet għas-Sħubija 106
Laqgħa għolja 106
L-Att Wieħed Ewropew Jidħol fis-Seħħ 107
Żviluppi Oħra 107

| | |
|---|---|
| Is-Sena 1968 | 108 |
| Għaqda Doganali | 108 |
| Il-Qorti Tagħlaq Għaxar Snin | 108 |
| Istituzzjonijiet mhux Demokratiċi | 109 |
| | |
| Is-Sena 1969 | 110 |
| Ħlasijiet mill-Istati Membri | 110 |
| Aġġornament ta’ l-Avis | 111 |
| Livell Internazzjonali | 111 |
| Il-Każ Stauder | 111 |
| Laqgħa Għolja | 112 |

# Ir-Raba' Kapitlu
# Is-Snin Sittin

## Is-Sena 1960

L-1960 bdiet billi fl-4 ta' Jannar kienet saret il-Konvenzjoni ta' l-Assoċjazzjoni Ewropea ta' Kummerċ ħieles, li fiha kienu ingħaqdu l-Awstrija, id-Danimarka, in-Norveġja, il-Portugall, l-Isvezja, l-Isvizzera u r-Renju Unit. Din il-Konvenzjoni kienet ġiet iffirmata ġewwa Stokkolma[1], fl-Isvezja, u kienet daħlet fis-seħħ fit-3 ta' Mejju.

## Il-Fond Soċjali Ewropew

Fil-11 ta' Mejju, il-Kunsill tal-Komunita' Ekonomika Ewropea addotta regolament dwar il-Fond Soċjali Ewropew, liema regolament kien daħal fis-seħħ fl-20 ta' Settembru. L-għan tal-Fond Soċjali Ewropew kien li jmexxi 'l quddiem l-impjiegi u l-mobilita' professjonali tal-ħaddiema fil-Komunita'.

B'hekk naraw li anki dak iż-żmien diġa' kienu qed jittieħdu passi biex kull ċittadin minn kull Stat Membru tal-Komunitajiet Ewropej, issa l-Unjoni Ewropea, ikun jista' jmur jaħdem fi Stat Membru ieħor bla ebda xkiel.

Dan ifisser li l-Komunitajiet Ewropej kienu diġa' qed jippjanaw biex it-territorju ta' l-Istati Membri jibda jitqies bħala territorju wieħed, dak ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan il-pass jista' jitqies ukoll bħala pass ieħor fit-twaqqif ta' Stat Federali Ewropew bħal ma hija l-Istati Uniti, għaliex għalkemm fl-Istati Uniti hemm Stati differenti, iċ-ċittadini huma kollha ċittadini Amerikani u għandhom dritt li jmorru jaħdmu f'kull Stat. Fil-każ tal-Komunitajiet Ewropew, l-Istat Federali kien se jkun l-Istati Uniti ta' l-Ewropa bl-isem ta' l-Unjoni Ewropea.

## Konvenzjoni u Bdil ta' Isem

Fit-13 ta' Diċembru, il-Konvenzjoni li waqqfet l-Organizzazzjoni għas-Sigurta' fin-Navigazzjoni ta' l-Ajru Ewropea kienet ġiet iffirmata ġewwa Brussell, fil-Belġju[2].

L-għada, jiġifieri fl-14 tax-xahar, l-Organizzazzjon għall-Kooperazzjoni Ekonomika Ewropea[3] bidlet isimha u saret magħrufa bħala l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp[4].

---

[1] Stockholm
[2] Eurocontrol
[3] Organisation for European Economic Cooperation OEEC
[4] Organisation for Economic Cooperation and Development OECD

## Żviluppi fis-Sena 1961

Is-sena 1961 bdiet billi bejn l-10 u l-11 ta' Frar kienet saret Laqgħa Għolja[5] ġewwa Pariġi, fi Franza, fuq il-ħtieġa li titwaqqaf koperazzjoni politika soda.

Bejn is-7 u l-10 ta' Marzu, Furler li kien inħatar minflok Robert Schuman, kien reġa' ġie elett bħala President ta' l-Assemblea Parlamentari.

## Indħil u Theddida għall-Pensjonijiet

Fit-28 ta' April, il-Kummissjoni Amministrattiva dwar is-Sigurta' Soċjali għall-ħaddiema immigranti[6] kienet tat-deċiżjoni tagħha dwar l-interpretazzjoni ta' Artiklu 28, paragrafu 3 tar-Regolament numru 3 dwar is-suppliment għall-pensjoni ta' invalidita', xjuħija u superstiti, jiġifieri ta' min jibqa' ħaj.

Minn dan naraw kemm l-istituzzjonijiet kienu bdew jaħsbu minn kmieni biex il-ħaddiema li jkunu marru fi Stat Membru ieħor ikollhom drittijiet ta' servizzi soċjali bħal ma jkollhom il-ħaddiema ta' dak l-Istat Membru li jkunu marru jaħdmu fih.

Aħseb u ara jekk tindaħalx issa l-Unjoni Ewropea fis-servizzi soċjali u fil-pensjonijiet meta kienu diġa' qed jindaħlu fl-1961.

Kif se jkunu jifilħu s-servizzi soċjali tagħna malli jibdew jiġu skoss barranin minn kull Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea li jkollhom jingħataw l-istess servizzi u drittijiet għas-servizzi soċjali kollha inklużi l-pensjonijiet, daqs iċ-ċittadini Maltin u Għawdxin li ilhom snin kbar iħallsu għalihom u biex ikunu jistgħu jieħdu l-pensjoni?

Dan ikollu jsir bilfors bi sħubija fl-Unjoni Ewropea, u huwa għalhekk li l-Gvern Nazzjonalista se jerġa' jdaħħal il-ħlas għal kull min ikollu ħtieġa li jmur l-isptar, bħal ma kien qabel taħt l-istess Gvern Nazzjonalista.

Fil-fatt, il-Gvern Nazzjonalista diġa' daħħal xi ħlasijiet għal ċerti eżamijiet u ritratti ta' l'X-rej.

Dan sar u qiegħed isir għaliex l-ewwel nett ma tistax tittratta differenti ċittadini ta' Stati Membri oħra mic-cittadini Maltin u Għawdxin, u għaldaqstant jekk iċ-ċittadini Maltin u Għawdxin ikollhom l-isptar b'xejn, kull ċittadin minn kull Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea li jkun hawn Malta jkun irid jingħata servizz ta' sptar b'xejn.

It-tieni, minħabba li ċ-ċittadini barranin bħalissa qiegħed ikollhom iħallsu waqt li jekk insiru membri ma jħallsux, il-kaxxa ta' Malta ma tkunx tiflaħ għal dan il-piż u għalhekk, biex tiġi obduta l-Unjoni Ewropea u biex ma jkunx hemm diskriminazzjoni maċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra, iċ-ċittadini Maltin u Għawdxin se jerġgħu jibdew ikollhom iħallsu għal dak kollu li sal-lum, bis-saħħa tal-Gvern Laburista, qegħdin jingħataw b'xejn.

---

[5] Summit Conference

[6] Decision No. 36 of 28 April 1961 of the Administrative Commission for Social Security for Migrant Workers on the interpretation of Article 28, paragraph 3 of Regulation 3 concerning the supplement to invalidity, old age and survivors' pension, Official Journal B 055, 16/08/1961 P. 1061

Hawnhekk tajjeb li dawk kollha li huma ntitolati għall-mediċini b'xejn jiftakru wkoll li kull ċittadin minn kull Stat Membru li jkun f'pajjiżna jkun irid jingħata wkoll il-mediċini b'xejn jekk huwa jkun jikkwalifiki għalihom bħal ma jikkwalifikaw huma, jiġifieri ċ-ċittadini Maltin u Għawdxin, għaliex ma tistax issir diskriminazzjoni magħhom.

Għaldaqstant, anki l-mediċini b'xejn huma mhedda bi sħubija fl-Unjoni Ewropea, għaliex pajjiżna mhux se jkun jiflaħ għall-ispejjeż biex ikun jista' jagħtihom ukoll liċ-ċittadini Ewropew li jiġu hawnhekk, speċjalment dawk li minħabba li jiġu jfittxu x-xogħol f'pajjiżna jew isibu xogħol mhux imħallas tajjeb ma jkunux f'pożizzjoni finanzjarja tajba.

L-istess jista' jingħad għall-housing soċjali, fejn iċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea jkunu jridu jitħallew jirreġistraw, jikkompetu u jingħataw artijiet, djar u appartamenti tal-Gvern taħt l-istess kundizzjonijiet taċ-ċittadini Maltin u Għawdxin.

Dan japplika wkoll għas-servizzi soċjali kollha.

Għaldaqstant, huwa ċar daqs il-kristall li **l-pensjonijiet u s-servizzi soċjali kollha** li ċ-ċittadini Maltin u Għawdxin qed igawdu llum permezz tal-Gvern Laburista, se jkunu taħt theddida serja li jispiċċaw u jkollhom jibdew iħallsu għal kollox jekk Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea.

## Proposta għal Kummissjoni u Kunsill Wieħed

Aktar qabel konna rajna kif Pierre Wigny, li kien il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin tal-Belġju, kien ħareġ bl-idea li l-Awtorita' Għolja tal-KEFA u ż-żewġ Kummissjonijiet tal-KEE u tal-KEEA li kienu twaqqfu bit-Trattati ta' Pariġi u ta' Ruma jingħaqdu flimkien u jsiru istituzzjoni waħda. Dan seħħ aktar tard kif se naraw aktar 'il quddiem.

Għaldaqstant, fis-27 ta' Ġunju, il-Gvern Olandiż ħa l-inizjattiva biex jissottometti abbozz dwar ir-reviżjoni tat-Trattati ta' Ruma u ta' Pariġi, billi tiġi addottata Konvenzjoni li kellha twaqqaf Kunsill wieħed għall-Komunitajiet Ewropej u Kummissjoni Għolja Ewropea, jiġifieri l-għaqda flimkien ta' l-eżekuttivi tal-Komunitajiet Ewropej.

Għalkemm il-Parlament Ewropew u ż-żewġ Kummissjonijiet kienu ġew ikkonsultati fuq dan l-abbozz, kellu jieqaf kollox minħabba differenzi li ma setgħax isir qbil fuqhom bejn l-Istati Membri fuq l-għan tar-riforma.

## Żviluppi Oħra

Fit-18 ta' Lulju kienet saret Laqgħa Għolja Ewropea[7] ġewwa Bonn, fil-Ġermanja, fejn Istati Membri kienu wrew ix-xewqa tagħhom li jwaqqfu għaqda politika[8]. Bdew isiru wkoll żviluppi li aktar tard kellhom iwasslu għat-tkabbir tal-Komunitajiet, imma dan it-tkabbir kien sab diffikultajiet kbar kif se naraw aktar tard.

[7] European Summit
[8] Political union

Fl-aħħar tax-xahar, jiġifieri fil-31 ta' Lulju, l-Irlanda kienet uriet ix-xewqa tagħha li tissieħeb fil-Komunitajiet Ewropej.

Fix-xahar ta' wara, jiġifieri fid-9 ta' Awissu, ir-Renju Unit kien applika formalment biex jisieħeb fil-Komunitajiet Ewropej, waqt li d-Danimarka għamlet l-istess fl-10 ta' Awissu.

Żvilupp mill-aktar importanti sar fl-1 ta' Settembru, meta daħal fis-seħħ l-ewwel regolament dwar **il-moviment ħieles tal-ħaddiema**. Pass ieħor biex mhux biss ikun hemm suq komuni fil-prodotti, imma anki suq komuni fil-qasam tax-xogħol.

Dan ir-regolament kien ġie ippubblikat aktar qabel fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej f'Awissu[9].

Bejn l-20 u l-21 ta' Novembru kienet saret laqgħa[10] bejn l-istituzzjonijiet tal-KEE ġewwa Strasbourg, fi Franza. Is-suġġetti mitħaddta kienu t-transizzjoni mill-ewwel stadju għat-tieni stadju tas-Suq Komuni u l-assoċjazzjoni ma' pajjiżi oħra[11].

Fl-20 ta' Diċembru, Walter Hallstein kien reġa' ġie elett bħala President tal-Kummissjoni tal-KEE.

It-tansizzjoni mill-ewwel stadju għat-tieni stadju kienet tfisser li l-Istati Membri jkomplu jgħaqqdu s-swieq tagħhom, ikomplu jneħħu d-dazji, restrizzjonijiet u l-ostakli kollha li kien hemm bejniethom għall-**moviment ħieles tal-prodotti, servizzi, persuni u kapital**, biex jiffaċilitaw il-moviment ta' dawn l-affarijiet bejniethom.

---

[9] Regulation 15 Official Journal 057, 26/08/1961 p. 1073
[10] Colloquy
[11] Oversaes countries

## Żviluppi fis-Sena 1962

Fl-10 ta’ Jannar 1962, il-Kummissjoni tal-KEE li tagħha kien għadu kif reġa’ nħatar Walter Hallstein bħala President, kienet bdiet il-ħidma tagħha. Min-naħa l-oħra, Pierre Chatenet kien elett bħala President tal-Kummissjoni tal-KEEA.

Fl-14 tax-xahar, il-Kunsill addotta l-ewwel regolamenti fuq il-Politika Agrikola Komuni dwar it-twaqqif ta’ suq wieħed għal-prodotti agrikoli u solidarjeta’ finanzjarja permezz tal-Fond Agrikolu ta’ Gwida u Garanzija Ewropew[12].

Bejn il-5 s-6 ta’ Frar, il-Kunsill approva r-regoli ta’ proċedura għall-Fond Soċjali Ewropew.

## Il-Parlament Ewropew

Bejn is-27 u t-30 ta’ Marzu, saru żewġ żviluppi dwar il-Parlament Ewropew. Kien reġa’ inħatar Gaetano Martino bħala President ta’ l-Assemblea Parlamentari, waqt li l-istess Assemblea Parlamentari kienet iddeċiediet li tibdel isimha għal Parlament Ewropew.

Hawnhekk naraw l-arroganza ta’ din l-Assemblea, kif wara kollox hija l-arroganza ta’ l-istituzzjonijiet kollha ta’ l-Unjoni Ewropea, minħabba li waqt li kienet qed tirrappreżenta biss is-sitt Stati Membri, bil-bidla fl-isem saret qisha qed tirrappreżenta lill-pajjiżi kollha ta’ l-Ewropa.

Biex tkun ġusta, sinċiera u tirrifletti s-sewwa, suppost li riedet issejjaħ lilha nfisha bħala Parlament tal-Komunitajiet Ewropej u mhux bħala Parlament Ewropew.

Hawnhekk jidher ukoll il-ħsieb u l-għanijiet moqżieża tar-rappreżentanti ta’ l-Istati Membri u l-pjan li kien qed jinħema biex il-Komuntiajiet Ewropej jitkabbru billi jdaħħlu Membri ġodda sakemm il-Komunitajiet ikun fihom l-Istati kollha ta’ l-Ewropa.

B’hekk ikun intlaħaq il-pjan maħsub mill-federalisti internazzjonali li tkun twaqqfet l-Istati Uniti ta’ l-Ewropa bl-isem ta’ Unjoni Ewropea bħala Stat Federali Ewropew.

## Regolamenti tal-Politika Agrikola Komuni

Fl-4 ta’ April kienu saru regolamenti u kienu ttieħdu deċiżjonijiet bażiċi dwar il-Politika Agrikoli Komuni. Dawn ir-regolamenti li kienu ħolqu l-Politika Agrikola Komuni kienu daħlu fis-seħħ fit-30 ta’ Lulju.

Għaldaqstant nibdew naraw l-indħil fil-qasam tal-biedja mill-istituzzjonijiet tal-Komunita’ Ekonomika Ewropea li issa kienu se jkunu huma li joħorġu r-regolament u jordnaw dak kollu li kellu jsir mill-Istati membri fil-qasam tal-biedja.

[12] European Agricultural Guidance and Guarantee Fund EAGGF

**Il-Politiċi Norveġiżi Japplikaw għas-Sħubija**

Fit-30 ta' April naraw li n-Norveġja kienet applikat biex tissieħeb fil-Komunitajiet Ewropej.

Madankollu, il-poplu Norveġiż kien ċaħad it-talba li kienu għamlu l-politikanti Norveġiżi għaliex ma riedx jitlef is-sistema ta' servizzi soċjali eċċellenti li kellu u għad għandu, u ried jibqa' jikkmanda huwa stess f'pajjiżu u mhux jiġi kkmandat f'dak kollu li jagħmel mill-barrani minn Brussell.

Talba oħra li kienet reġgħet saret aktar tard mill-politiċi Norveġiżi kienet reġgħet ġiet miċħuda minkejja li l-Politiċi Norveġiżi kienu diga' ffirmaw it-Trattat ta' Sħubija.

**Ikomplu Jitnaqqsu d-Dazji**

Żvilupp ieħor biex jintlaħqu l-għanijiet li jkun hemm suq wieħed f'kull qasam bejn l-Istati Membri kien li fl-1 ta' Lulju kienu tnaqqsu d-dazji tad-dwana bejn l-Istati Membri fuq prodotti industrijali bin-nofs, jiġifieri għal 50% ta' dak li kienu fl-1957.

Dan it-tnaqqis minn fuq id-dazji kien ifisser li l-Istati Membri kien se jitnaqqsilhom id-dħul li normalment kien ikollhom minn fuq id-dazji, liema nuqqas kellhom jidħlu taxxi oħra minflokhom biex jagħmlu tajjeb għal dan in-nuqqas ta' dħul.

**Regolamenti fuq l-Ikel**

Fit-13 ta' Ottubru naraw indħil ġdid f'dak li qabel kien qasam regolat mill-Istati Membri. Dan għaliex f'dan il-jum, il-Kunsill kien addotta l-ewwel direttiva dwar ir-regolamenti globali tal-KEE dwar l-affarijiet ta' l-ikel billi ddefinixxa liema kuluri setgħu jiżdiedu ma' l-ikel.

Għaldaqstant, dan kien ifisser li l-Istati Membri ma setgħux aktar jiddeċiedu huma fuq dawn l-affarijiet, imma kellhom jobdu dak li kien iddeċieda l-Kunsill.

Fl-1 ta' Novembru, **jum il-mejtin**, kien daħal fis-seħħ il-ftehim ta' assoċjazzjoni bejn il-Greċja u l-Komunita'.

## Żviluppi fis-Sena 1963

Fl-14 ta' Jannar, il-Ġeneral de Gaullle li kien il-President ta' Franza, kien qal pubblikament li Franza kellha d-dubju tagħha dwar ir-rieda politika tar-Renju Unit li jidħol fil-Komunitajiet Ewropej.

Dan kien qalu pubblikament u kien sar apposta biex issir pressjoni fuq ir-Renju Unit u l-Istati Membri l-oħra minħabba li de Gaulle ma riedx inaqqas l-influwenza tiegħu u ta' Franza fil-Komunitajiet Ewropej.

Fil-fatt, suppost li kellhom ikunu l-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet Ewropej li jiddeċiedu u jħabbru dawn l-affarijiet, imma kif rajna, de Gaulle kellu interess li joħroġ pubblikament ħalli l-influwenza tiegħu u ta' Franza ma tonqosx u ma jħallix lill-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet Ewropej jgħidu l-kontra.

Wara din id-dikjarazzjoni ta' de Gaulle, in-negozjati mal-pajjiżi applikanti kollha kienu waqfu ftit jiem wara.

## Il-Każ Van Gend en Loos

Fil-5 ta' Frar, il-Qorti tal-Komunitajiet Ewropej, issa ta' l-Unjoni Ewropea kienet tat id-deċiżjoni tagħha fil-każ Van Gend en Loos[13]. L-opinjoni ta' l-Avukat Ġenerali dwar dan il-każ kienet ingħatat aktar qabel f'Diċembru 1962[14].

F'dan il-każ, Il-Qorti kienet qalet li l-Komunita' kienet tikkostitwixxi ordni legali ġdida li għall-benefiċċju tagħha l-Istati Membri kienu r-restrinġew id-drittijiet sovrani tagħhom.

Dan kien ifisser li l-Qorti tal-Komunitajiet kienet qiegħda tikkonferma li s-sovranita' ta' l-Istati Membri titnaqqas u mhux tiżdied jew tikber meta jsiru membri fil-Komunitajiet Ewropej, issa l-Unjoni Ewropea.

## Aktar Żviluppi

Waqt sessjoni tal-Parlament Ewropew bejn il-25 u d-29 ta' Marzu, Gaetano Martino kien reġa' nħatar bħala President tal-Parlament Ewropew.

Fil-qasam internazzjonali, fl-4 ta' Mejju kien sar il-ftuh tat-taħdidiet dwar il-kummerċ tal-Ftehim Ġenerali fuq it-Tariffi u l-Kummerċ[15].

Il-mixja lejn it-twaqqif ta' għaqda doganali, jiġifieri tad-dwana, kienet meħtieġa biex tkompli l-mixja lejn suq wieħed. Għaldaqstant naraw li fl-1 ta' Lulju, minħabba li

---

[13] Judgment of the Court of 5 February 1963. NV Algemene Transport- en Expeditie Onderneming van Gend & Loos v Netherlands Inland Revenue Administration. Reference for a preliminary ruling: Tariefcommissie - Pays-Bas. Case 26-62, European Court reports English special edition 1963 Page 00001

[14] Opinion of Mr Advocate General Roemer delivered on 12 December 1962. NV Algemene Transport- en Expeditie Onderneming van Gend & Loos v Netherlands Inland Revenue Administration. Reference for a preliminary ruling: Tariefcommissie - Pays-Bas. Case 26-62, European Court reports English special edition 1963 Page 00001

[15] General Agreement on Tariffs and Trade GATT Kennedy Round

kienet ittieħdet deċiżjoni biex jgħaġġlu l-għaqda doganali, kien sar is-sitt tnaqqis fid-dazji tad-dwana u t-tieni allinjament fuq it-tariffa barranija komuni.

Tajjeb li nagħmlu differenza bejn it-tnaqqis tad-dazju u t-tariffa barranija komuni, għaliex waqt li t-tnaqqis tad-dazju sar għall-prodotti bejn l-Istati Membri, l-allinjament tat-tariffa komuni tad-dwana kien ifisser li d-dazji li jinġabru mill-Istati Membri minn fuq prodotti li jkunu mpurtaw minn pajjiżi li ma jkunux membri jkun qed isir biex titnaqqas id-differenza bejniethom sakemm isiru l-istess.

## It-Tieni Konvenzjoni ta' Jaounde'

Fl-20 ta' Lulju kienet ġiet iffirmata t-Tieni Konvenzjoni ta' Jaunde'[16], ġewwa Jaunde' fil-Kamerun[17]. Din il-Konvenzjoni kienet Ftehim ta' Assoċjazzjoni validu għal ħames snin, u kien iffirmat bejn il-Komunita' u 17-il Stat Afrikan flimkien mal-Madagaskar[18].

Hawnhekk tajjeb li wieħed jistaqsi għalfejn il-Komunitajiet Ewropej, ħlief bl-eċċezzjoni tal-KEFA li t-Trattat tagħha kien maħsub li jibqa' fis-seħħ għal ħamsin sena, u issa l-Unjoni Ewropea, tagħmel ftehim, trattati u konvenzjonijiet ma' Stati u organizzazzjonijiet barranin għal żmien limitat, waqt li t-Trattati tagħha li permezz tagħhom pajjiż isir Stat Membru ma jkunx fihom klawsola li permezz tagħha Stat Membru jkun jista' joħroġ u ma jibqax membru.

Dan ma jfissirx li Stat Membru ma jistax joħroġ, għaliex m'hemm xejn xi jżommu li jitlaq, imma għalfejn ma jagħmlux ukoll dan il-provvediment?

Barra minn hekk, ir-raġuni tgħidlek li jekk l-UE hija daqstant tajba u ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri jgawdu aktar, ebda Stat Membru jew aħjar iċ-ċittadini tiegħu ma jkunu jridu joħorġu minnha, mhux hekk?

Mela għalfejn ma jagħmlux klawsola jew Artiklu fit-Trattati biex Stat Membru jkun jista' jitlaq mingħajr problemi ta' xejn jekk huma daqstant konvinti li tant hija tajba li ebda Stat Membru jew iċ-ċittadini tiegħu ma jkunu jridu jitilqu?

Jagħmlu u ma jagħmlux, l-Unjoni Ewropea ma tista' tagħmel xejn biex iżżomm Stat Membru li jitlaq minn magħha jekk il-poplu tiegħu jixba u jiddejjaq mill-ordnijiet kolonjalisti tagħha għaliex kull Stat għandu dritt, anki mill-istess Ġnus Magħquda, li jikseb l-indipendenza tiegħu u jeħles minn kull forma ta' kolonjaliżmu.

Fis-7 ta' Settembru kien miet Robert Schuman li kif rajna kellu sehem mill-aktar importanti biex jitwaqqfu l-Komunitajiet Ewropej li issa saru l-Unjoni Ewropea, kif ukoll fil-mixja biex jitwaqqaf Stat Federali Ewropew.

## Qbil fuq Kummissjoni Waħda u Kunsill Wieħed

Wara li konna rajna kif l-Istati Membri ma setgħux jaqblu dwar l-għaqda flimkien ta' l-eżekuttivi tal-komunitajiet differenti, jiġifieri ta' l-Awtorita' Għolja tal-KEFA u tal-

[16] Yaounde'
[17] Cameroon
[18] Madagascar

Kummmissjonijiet tal-KEE u KEEA kif ukoll tal-Kunsilli tagħhom, bejn it-23 u l-24 ta' Settembru il-Kunsill kien laħaq qbil fil-prinċipju fuq din l-għaqda.

Dan kien ifisser li kien hemm pass 'il quddiem biex il-Kummissjonijiet u l-Awtorita' Għolja jsiru Kummissjoni waħda u l-Kunsilli jsiru wkoll Kunsill wieħed.

L-aħħar żvilupp li sar din is-sena kien li Dino del Bo kien elett bħala President ta' l-Awtorita' Għolja tal-KEFA.

## Is-Sena 1964

Is-sena 1964 bdiet billi Walter Hallstein kien reġa' nħatar bħala President tal-Kummissjoni tal-KEE, waqt li fl-20 ta' Marzu, Duvieusart kien inħatar bħala President tal-Parlament Ewropew.

Fil-qasam internazzjonali, fl-4 ta' Mejju kien sar il-ftuh uffiċjali tat-taħdidiet multilateral dwar il-kummerċ, fejn il-Komunita' kienet ħadet sehem fihom.

Hawnhekk naraw kif il-Komunita' kompliet tiddeffes f'taħdidiet internazzjonali biex tkun hija li titkellem f'isem il-membri tagħha u b'hekk tiżgura li jsir dak li tkun iddeċiediet hi skond kif ikun jaqbel lilha.

Fl-1 ta' Ġunju kienet daħlet fis-seħħ il-Konvenzjoni ta' Jaunde' li kienet ġiet iffirmata s-sena ta' qabel, waqt li fl-1 ta' Lulju kien twaqqaf il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija.

## Il-Każ Flaminio Costa v Enel

Fil-15 ta' Lulju nkomplu naraw il-mixja lejn Stat Federali Ewropew meta l-Qorti tal-Komunitajiet, issa ta' l-Unjoni Ewropea, kienet iddeciediet il-każ Flaminio Costa kontra Enel[19].

Se nikkwota ftit mis-sentenza dwar kif il-Qorti tal-Komunita', issa ta' l-Unjoni Ewropea, interpretat it-Trattat biex kulħadd jifhem kif is-sovranita' ta' l-Istati Membru ta' l-Unjoni Ewropea ilha tonqos ħafna sakemm għad tiġi fix-xejn.

Fil-paragrafu 3[20], il-Qorti kienet qalet li
**"B'kuntrast ma' trattati internazzjonali ordinarji, it-Trattat EEC kien ħoloq is-sistema legali tiegħu li, mad-dħul fis-seħħ tat-Trattat, sar parti integrali mis-sistema legali ta' l-Istati Membri u li l-qrati tagħhom huma obbligati li japplikaw.**

---

[19] Judgment of the Court of 15 July 1964. Flaminio Costa v E.N.E.L. Reference for a preliminary ruling: Giudice conciliatore di Milano - Italy. Case 6/64, European Court reports English special edition 1964 Page 00585

[20] **By contrast with ordinary international treaties, the EEC Treaty has created its own legal system which, on the entry into force of the Treaty, became an integral part of the legal system of the Member states and which their courts are bound to apply.**
By creating a Community of unlimited duration, having its own institutions, its own personality, its own legal capacity and capacity of representation on the international plane and, more particularly, real power stemming from a **limitation of sovereignty** or the transfer of power from the States to the Community, the Member States have limited their sovereign rights and have thus created a body of law which binds both their nationals and themselves.
The integration into the laws of each Member State of provisions which derive from the Community and more generally the terms and the spirit of the Treaty, make it impossible for the States, as a corollary, to accord precedence to a unilateral and subsequent measure over a legal system accepted by them on a basis of reciprocity. Such a measure cannot therefore be inconsistent with that legal system.
The law stemming from the Treaty, an independent source of law, could not because of its special and original nature, be overridden by domestic legal provisions, however framed, without being deprived of its character as Community law itself being called into question.
The transfer by the States from their domestic legal system to the Community legal system of the rights and obligations arsing under the Treaty carries with it a permanent limitation of their sovereign rights.

**Billi ħolqu Komunita' bla limitu ta' żmien, bl-istituzzjonijiet tagħha, bil-personalita' tagħha, bil-kapaċita' legali tagħha u bil-kapaċita' ta' rappreżentanza legali fil-qasam internazzjonali, u partikolarment, poteri reali li joħorġu mil-limitazzjoni tas-sovranita' jew trasferiment mill-Istati lill-Komunita', l-Istati Membri kienu illimitaw id-drittijiet sovrani tagħhom u għalhekk kienu ħolqu korp ta' liġi li jorbot kemm liċ-ċittadini tagħhom u lilhom infushom."**

Il-Qorti kompliet tgħid li,

**"L-integrazzjoni fil-liġijiet ta' kull Stat Membru ta' provvedimenti li joħorġu mill-Komunita' u aktar ġenerali mit-termini u l-ispirtu tat-Trattat, jagħmluha mpossibbli għall-Istati bħala riżultat (corollary), li jagħtu preċedenza għal miżura unilaterali u sussegwenti fuq is-sistema legali aċċettata minnhom fuq l-sisien ta' reċiproċita'. Miżura bħal din ma tistax għalhekk tkun inkonsistenti (jiġifieri ma taqbilx, kontra) ma dik is-sistema legali. Il-liġi li toħroġ mit-Trattat, sors indipendenti ta' liġi, ma tistax minħabba n-natura u l-oriġini tagħha, tinqabeż minn provvedimenti legali domestiċi, maħgmula kif magħmula, mingħajr ma tiġi nieqsa mill-karattru tagħha bħala liġi tal-Komunita' u mingħajr ma s-sisien legali tal-Komunita' nfisha jkunu qed jiġu dubitati."**

**It-Trasferiment mill-Istati mis-sistema domestika tagħhom lis-sistema legali tal-Komunita' ta' drittijiet u obbligi li joħorġu mit-Trattat iġġorr magħha limitazzjoni permanenti tad-drittijiet sovrani tagħhom."**

Dan kien ifisser li kull regolament li kienu joħorġu l-istituzzjonijiet tal-Komunita' kien aqwa minn kull liġi nazzjonali ta' l-Istati Membri u kien irid jiġi obdut anki jekk kien ikun hemm xi liġi ta' xi Stat Membru li ma kinitx taqbel miegħu.

Fi kliem ieħor, il-liġi tal-Komunita' hija aqwa mil-liġi nazzjonali ta' l-Istati Membri.

Qed taraw kemm jibqgħu sovrani l-Istati Membri fl-Unjoni Ewropea?

Anki dik li jgħidu l-membri tal-Gvern Nazzjonalista kif ukoll ċerti mexxejja Ewropej dwar li s-sovranita' tissaħħaħ jekk taqsamha ma' ħaddieħor hija mhux biss falza għax iridu jqarrqu, imma hija wkoll kontradizzjoni, bl-Ingliż, contradiction in terms.

Dan għaliex il-kelma **Sovran** tfisser li inti tista' tieħu deċiżjonijiet li tagħmel dak li jkun jgħodd għalik bla ebda indħil minn ħadd.

**Sovran** tfisser li dak li tiddeċiedi ma jindaħallek ħadd fih jew kif tiddeċiedi.

Tinsewx li l-kelma **Sovran** ġejja mill-kelma Ngliża **Sovereign,** jew il-kelma Taljana **Sovrano**, **is-Sovran**, **ir-Re**, **il-Kap**, li ħadd ma kien jindaħallu fid-deċiżjonijiet li kien jieħu.

Dak li kien jiddeċiedi huwa kien jgħodd.

**Għalhekk hija kontradizzjoni li tgħid li inti għadek sovran jew li s-sovranita' tissaħħah meta deċiżjoni ma tistax teħodha waħdek imma jkollok taqsamha ma' ħaddieħor.**

## Ftehim fuq Kummissjoni Waħda

Fit-18 ta' Settembru, il-Kunsill kien laħaq ftehim dwar kif kellha tkun il-Kummissjoni waħda li kellha tieħu post il-Kummissjonijiet l-oħra tal-KEE u KEEA u l-Awtorita' Għolja tal-KEFA, liema Kummissjoni waħda kellu jkollha disa' membri.

Fl-1 ta' Diċembru, kien daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Assoċjazzjoni li kien ġie ffirmat aktar qabel bejn it-Turkija u l-Komunita'.

## L-Iffinanzjar tal-Politika Agrikola Komuni

Fil-15 ta' Diċembru, il-Kunsill bagħat struzzjonijiet lill-Kummissjoni biex tissottometti proposti fuq l-iffinanzjar tal-Politika Agrikola Komuni u biex tissottometti proposti fuq il-kundizzjonijiet biex jiġu mplimentati t-trasferimenti għall-estimi tal-Komunita', jiġifieri dak li huwa magħruf ukoll bħala l-Budget, tal-levies fuq il-prodotti agrikoli.

Tajjeb li kullħadd ikun jaf li dawk id-dazji li jinġabru fuq prodotti agrikoli mixtrija minn barra mill-Unjoni Ewropea u l-levies li jinġabru minn fuq il-prodotti agrikoli ma jibqgħux għand l-Istati Membri, imma jmorru għall-estimi[21] tal-Komunita' Ewropea, issa l-Unjoni Ewropea, biex l-ewwel nett jiġu ffinanzjati l-istituzzjonijiet tagħha li l-membri tagħhom ikollhom minn fejn jixxalaw bil-pagi fenominali li għandhom.

Mhux ta' b'xejn li hawn min irid u qiegħed jagħmel l-almu tiegħu kollu biex Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea biex ifittex imur jaħdem ma' l-istituzzjonijiet tagħha.

Għal dawk tajjeb li Malta ssir membru, imma għall-kumplament tal-poplu jkun ifisser biss tbatija kbira bi ħlasijiet ta' taxxi, dazju, levies u teħid tad-drittijiet tiegħu, kif ukoll li jerġa' jkollu jibda jsefter lill-barrani u li Malta terġa ssir kolonja u bazi militari tal-barrani.

**Tajjeb ukoll li l-insara Maltin u Għawdxin jiftakru wkoll li parti mill-kontribuzzjonijiet li jkollha tagħmel Malta jekk issir membru ta' l-Unjoni Ewropea jingħataw mill-Unjoni Ewropea lill-għaqdiet li jagħmlu l-abort f'pajjiżi oħra bħala mezz biex jiġi kkontrollat it-twelid.**

Għaldaqstant, jekk iċ-ċittadini nsara Maltin u Għawdxin ma jridux ikunu kompliċi f'dan il-qtil ta' l-innoċenti, għandhom ikunu ċerti li Malta qatt ma ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea li tgħin lil dawn l-għaqdiet biex jagħmlu l-abort bil-flus miġbura mingħand iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri tagħha.

Fil-qasam internazzjonali, fit-30 ta' Diċembru l-Assemblea tal-Ġnus Magħquda[22] kienet ħolqot il-Konferenza fuq il-Kummerċ u Żvilupp tal-Ġnus Magħquda[23] bħala organu ta' l-Assemblea Ġenerali.

---

[21] Budget
[22] United Nations General Assembly UNGA
[23] United Nations Conference on Trade and Development

## Żviluppi fis-Sena 1965

L-ewwel żvilupp fil-Komunita' għal din is-sena kien li Leemans kien ġie maħtur bħala President tal-Parlament Ewropew.

Bejn il-5 u t-30 ta' April, il-Bord tal-Konferenza tal-Ġnus Magħquda fuq il-Kummerċ u l-Iżvilupp li kien organu permanenti tal-Konferenza, kien żamm l-ewwel laqgħa tiegħu ġewwa Nju Jork[24], jiġifieri Jork il-Ġdida, fl-Istati Uniti. Il-Bord addotta l-programm tal-ħidma tiegħu, waqqaf l-aġenzija sussidjarji tiegħu u għamel it-termini ta' referenza tagħhom.

It-Trattat li permezz tiegħu l-eżekuttivi tat-tliet Komunitajiet, jiġifieri l-KEFA, KEE u KEEA ingħaqdu flimkien, kien ġie ffirmat ġewwa Brussell, fil-Belġju fit-8 ta' April u kellu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1967, jiġifieri ftit aktar minn sentejn wara. Fis-26 ta' Ġunju, Franza kienet irratifikat dan it-Trattat, waqt li l-Ġermanja kienet irratifikatu fit-30 tax-xahar.

## Il-Politika tas-Siġġu Vojt

Fl-1 ta Lulju, Franza kienet waqqfet in-negozjati dwar l-iffinanzjar tal-Politika Agrikola Komuni.

Il-Gvern Franċiż kien sejjaħ lura r-Rappreżentant Permanenti, jiġifieri l-ambaxxatur tiegħu, waqt li d-Delegazzjoni Franċiża ma bdietx tieħu sehem fil-laqgħat, la tal-Kumitat Permamenti tar-Rappreżentanti u lanqas tal-Kunsill.

Din il-politika li kien addotta Charles de Gaulle baqgħet magħrufa bħala l-politika tas-siġġu vojt, minħabba li r-rappreżentanti Franċiżi ma kinux qed jattendu għal-laqgħat u għaldaqstant, il-postijiet tagħhom kienu jibqgħu vojta.

In-nuqqas tas-sehem ta' Franza kellu effett kbir fuq il-Komunitajiet, għaliex kien ifisser li x-xogħol kollu tal-Komunitajiet kellu jieqaf.

Dan minħabba li dak iż-żmien, kull ma kien isir ried ikollu l-qbil ta' l-Istati Membri kollha, jiġifieri kull Stat kellu d-dritt tal-veto u jekk ma jaqblux kollha ma jsir xejn.

Għaldaqstant, minħabba li rrappreżentanti Franċiżi ma kinux qed jattendu ma seta' jsir xejn għaliex ma kienx ikun hemm il-qbil tagħhom.

Din is-sitwazzjoni wasslet biex fit-22 ta' Lulju, il-Kummissjoni kienet issottomettiet lill-Kunsill memorandum fuq l-iffinanzjar tal-Politika Agrikola Komuni u fuq dħul indipendenti għall-Komunita'.

Dan il-memorandum kien ġie aċċettat mill-Kunsill waqt laqgħa li saret bejn is-26 u s-27 tax-xahar għaliex kien meqjus li kien jifforma sisien sodi għal taħdidiet.

[24] New York. Tissejjaħ Jork il-Ġdida għaliex qabilha kien diġa' hemm il-Belt ta' York fir-Renju Unit

## Ostakli ta' Natura Teknika Għall-Kummerċ

Fl-20 ta' Settembru, il-Kummissjoni għamlet rakkomandazzjoni lil-Istati Membri biex jiskansaw li joħolqu ostakli ġodda għall-kummerċ ta' bejniethom, jiġifieri bejn il-Komunita', meta jaddottaw liġijiet u regolamenti ta' natura teknika.

Minn din ir-rakkomandazzjoni naraw li l-Istati Membri kienu bdew idaħħlu ostakli tekniċi biex ma jħallux ir-ċirkolazzjoni ħielsa ta' prodotti li jkunu ġejjin minn Stati Membri oħra.

Dan minħabba li biċ-ċirkolazzjoni ħielsa ta' prodotti minn Stati Membri oħra, kien qiegħed jonqos il-bejgħ tal-prodotti li huma stess kienu jagħmlu u kien jiżdied il-qagħad f'pajjiżhom barra li kienu jitilfu t-taxxi, kemm fuq il-prodotti nfushom, kif ukoll minħabba li min ma jkunx jaħdem jixtri inqas u ma jħallasx jew iħallas inqas taxxi bħal ma huma t-taxxa tad-dħul.

Dan barra li min ma jkunx jaħdem ikollu jingħata xi forma ta' għajnuna soċjali li jkompli jwiegħer is-sitwazzjoni finanzjarja ta' dak l-Istat Membru.

Dan ma jiġrix fl-Istati Membri kollha l-istess, għaliex waqt li xi wħud minnhom jimpurtaw iżjed u għalhekk jonqos il-bejgħ tal-prodotti tagħhom, l-oħrajn ikunu qed jesportaw iżjed u jiżdied il-bejgħ tal-prodotti tagħhom.

Madankollu, wieħed ried jara kemm ikunu qed ibiegħu iżjed u jqabblu mat-telf li jkollhom mid-dazju biex ikun jaf jekk ikunux marru 'l quddiem jew lura.

## Eżempji ta' Ostakli Tekniċi

Meta wieħed qiegħed jitkellem dwar ostakli tekniċi, dan ifisser li, bħala eżempju, prodott ikun irid ikollu ċerti speċifikazzjonijiet li normalment ma kinux meħtieġa fl-Istat Membru fejn kien isir.

Għaldaqstant, minħabba li ma jkollux l-ispeċifikazzjonijiet mitluba, ma kienx jitħalla jidħol.

Biex nagħti eżempju ħalli kulħadd jifhem, jekk ir-Renju Unit kien juża sistema ta' vultaġġ elettriku ta' 240 volt u għalhekk irid li bozza tkun taħdem fuq 240 volt waqt li fil-Ġermanja kienet taħdem fuq 220 volt, kien ifisser li l-produtturi tal-bozoz Ġermaniżi riedu jaħdmu bozoz apposta għar-Renju Unit minħabba li jekk jintużaw fir-Renju Unit kienu jservu inqas għax ma jkunux jifilħu għal dak il-vultaġġ.

Dan kien joħloq spejjeż żejda għall-produtturi Ġermaniżi li jew ma jagħmlux bozoz għas-suq tar-Renju Unit, jew jekk jagħmluhom kienu jiġu għola minn dawk maħduma fir-Renju Unit stess.

B'hekk ir-Renju Unit kien ikun qed jipproteġi l-produtturi tal-bozoz tiegħu bla ma jkun qiegħed jimponi ebda forma ta' dazju.

Ostakli tekniċi oħra jistgħu jkunu bħal meta jkun hemm ħtieġa ta' ċerti dokumenti li riedu jiġu ppreżentati fid-dwana qabel ma dak il-prodott kien jitħalla jidħol fil-pajjiż.

Dawn id-dokumenti kif ukoll il-ħtiġijiet tekniċi oħra kienu jżidu l-ispejjeż ta' min kien jagħmel dak il-prodott. B'hekk il-prodott kien jiġi għola u kien ikun inqas kompetittiv biex jinxtara minn prodott maħdum lokalment.

Kien għalhekk li dak iż-żmien, il-Kummissjoni kellha toħroġ din ir-rakkomandazzjoni lill-Istati Membri biex ma joħolqux ostakli ġodda għall-kummerċ ta' bejniethom meta jaddottaw liġijiet u regolamenti ta' natura teknika.

Madankollu, aktar tard bdiet toħroġ mhux rakkomandazzjonijiet, imma Direttivi li l-Istati membri kellhom idaħħluhom fiż-żmien li jkunu ordnati, kif ukoll regolamenti li ma kellhomx ħtieġa li jiddaħħlu b'xi liġi li jagħmlu l-Istati Membri, għaliex kienu japplikaw awtomatikament u direttament fl-Istati membri kollha.

Dan ifisser li l-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet Ewropej, issa l-Unjoni Ewropea, jkunu effettivament qed jaqbżu lill-Parlemanti ta' l-Istati Membri għaliex ikunu qed jagħmlu regolamenti li jkollhom jiddaħħlu bilfors fl-Istati Membri kollha fiż-żmien mogħti lilhom.

Qed taraw kif l-Istat Federali Ewropew bl-istituzzjonijiet federali tiegħu kien qiegħed isir bil-mod il-mod biex ħadd ma jagħti każ jew jinduna?

Dawn ir-regolamenti maħruġa mill-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet Ewropej, issa l-Unjoni Ewropea, kellhom jiġu obduti sa l-inqas punt u virgola', għax jekk ma jiġux obduti, l-Istat Membru kien jittella quddiem il-Qorti tal-Komunita', issa ta' l-Unjoni Ewropea, fejn jiġi kkundannat talli ma jkunx obda u jeħel l-ispejjeż barra multi oħra sakemm jobdi.

**<u>Sentenza Oħra tal-Qorti</u>**

Fl-1 ta' Diċembru, il-Qorti tal-Komunitajiet, issa ta' l-Unjoni Ewropea kienet tat sentenza oħra dwar il-moviment ħieles tal-ħaddiema. Din hija s-sentenza fil-każ Dekker[25].

Il-Qorti kienet iddeċediet li fil-qafas tas-sigurta' soċjali ta' ħaddiema immigranti, it-terminu "benefiċċji mhux fi flus"[26] ma jfissrux somom ta' flus imħallsa flimkien ma' pensjonijiet maħsuba biex jagħmlu tajjeb għal parti mill-kontribuzzjonijiet ta' assigurazzjon tas-saħħa tal-pensjonanti.

Kif wieħed jista jara, il-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, kemm permezz tal-Kummissjoni kif ukoll permezz tal-Qorti tal-Komunita', issa ta' l-Unjoni Ewropea, anki fil-qasam tas-sigurta' soċjali u tal-pensjonijiet tindaħal. Kienet tindaħal fis-snin sittin, aħseb u ara issa x'tagħmel.

---

[25] Dekker ruling
[26] Benefits in kind

## Żviluppi Matul is-Sena 1966

Fl-1 ta' Jannar ta' din is-sena daħlet fis-seħħ it-tielet u l-aħħar fażi ta' transizzjoni għas-Suq Komuni.

Dan kien ifisser it-tneħħija ta' l-**unanimita**', jiġifieri li jkun jaqbel kulħadd qabel tittieħed xi deċiżjoni, u daħlet sistema ta' **vot ta' maġġoranza** għall-maġġoranza tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill.

Fl-20 ta' Jannar kienet saret il-laqgħa ta' kull sena bejn l-Istituzzjonijiet Ewropej ġewwa Brussell, fil-Belġju. It-taħdidiet waqt din il-laqgħa kienu ttrattaw prinċipalment dwar żewġ problemi istituzzjonali. Il-problema tal-kooperazzjoni bejn il-Kunsill u l-Kummissjoni u d-deċiżjonijiet b'maġġoranza tal-Kunsill[27].

## Il-Kompromess tal-Lussemburgu

Dawn l-iżviluppi kollha jridu jittieħdu fil-kuntest li kien hemm il-problema msemmija aktar qabel fejn Franza kienet irtirat ir-rappreżentanti tagħha mill-istituzzjonijiet li rajna aktar qabel u kienet waqqfet ix-xogħol ta' dawn l-istituzzjonijiet tal-Komunita'.

Fil-fatt, wara li din is-sitwazzjoni kaġun tal-politika tas-siġġu vojt kienet ilha sejra għal seba' xhur sħaħ, bejn it-28 u d-29 ta' Jannar, kien intlaħaq dak li baqa' magħruf bħala l-Kompromess tal-Lussemburgu, fejn Franza reġgħet bdiet tieħu sehem fl-istituzzjonijiet tal-Komunita'.

Kien sar qbil li fejn fuq proposta tal-Kummissjoni jkunu se jittieħdu deċiżjonijiet b'vot ta' maġġoranza u jkun hemm fin-nofs interessi kbar ta' xi Stat Membru, il-Kunsill jagħmel ħiltu biex fi żmien raġonevoli jilħaq soluzzjoni li tkun tista' tiġi addottata mill-Membri kollha tal-Kunsill waqt li tirrispetta l-interessi tagħhom u tal-Komunita', skond Artiklu 2 tat-Trattat.

Għalkemm id-delegazzjoni Franċiża kompliet qieset li fejn ikun hemm interessi mportanti ħafna ta' l-Istat kellu jibqa' l-vot unanimu, is-sitt delegazzjonijiet innutaw li kien għad hemm differenzi fuq x'għandu jsir jekk ma jintlaħaqx ftehim[28].

Madankollu, minkejja d-differenzi li kien għad fadal, Franza xorta waħda reġgħet bdiet tieħu sehem fil-laqgħat.

---

[27] Dan ifisser li kontra dak li jaħsbu xi wħud, problemi kien hemm minn dejjem u l-problemi ma kinux biss ma l-Istati Membri, imma anki bejn l-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet Ewropea, issa l-Unjoni Ewropea, bejniethom. Aktar 'il quddiem naraw eżempji ta' dawn il-kwistjonijiet fejn, bħala eżempju, il-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej kien anki ttella quddiem il-Qorti tal-Komunitajiet Ewropej mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropea, issa l-Unjoni Ewropea.

[28] "I. Where, in the the case of decisions which may be taken by majority vote on a proposal of the Comission, very important interests of one or more partners are at stake, the Members of the Council will endeavour, within a reasonable time, to reach solutions which can be adopted by all the Members of the Council while respecting their mutual inetrests and those of the Community, in Accordance with Articvle 2 of the Treaty.
II. With regard to the preceding paragraph, the French delegation considers that where very important interests are at stake the discussion must be continued until unanimous agreement is reached.
III. The six delegations note that there is divergence of views on what should be done in the event of a failure to reach complete agreement.

Id-delegazzjonijiet kienu qablu wkoll li fuq ħames materji speċifiċi li kollha kienu fis-settur ta' l-agrikoltura kellhom jiġu deċiżi b'kunsens komuni.

Fil-fatt, id-dritt tal-veto kien tar prattikament mar-riħ, tant li fl-1982, il-Kunsill kien addotta deċiżjoni li permezz tagħha kien għolla l-prezzijiet tal-prodotti agrikoli minkejja li kien hemm oppożizzjoni kbira u attentat biex ir-Renju Unit juża d-dritt tal-veto.

Il-President tal-Kunsill li dak iż-żmien kien Belġjan minħabba li l-Belġju kellu l-Presidenza tal-Kunsill, kien injora t-talba tar-Rappreżentant Ingliż li dak kien interess importanti ħafna għar-Renju Unit u sejjaħ għall-vot.

Minkejja li r-Renju Unit, id-Danimarka u l-Greċja kienu rrifjutaw li jivvutaw, l-oħrajn kienu vvutaw u għalhekk il-vot ġie meqjuż li għadda, u ż-żjieda fil-prezzijiet tal-prodotti agrikoli li ried il-Kunsill kellha bilfors tiġi obduta mill-Istati Membri kollha.

Għalkemm id-Danimarka u l-Greċja kienu jaqblu maż-żjieda huma ma kinux ivvutaw għaliex kienu jqisu d-dritt tal-veto bħala dritt sagrosant ta' l-Istati Membri.

**Madankollu, kif wieħed jista' jara, ma hemm ebda drittijiet li jistgħu jitqiesu bħala sagrosanti fl-Unjoni Ewropea.**

Huwa nteressanti wkoll li dan il-ftehim, jiġifieri l-Kompromess tal-Lussemburgu, kien ġie meqjuż bħala ftehim politiku u mhux legali, jiġifieri mhux bħala ftehim magħmul mill-istituzzjonijiet fl-eżerċizzju tal-poter tagħhom imma ftehim politiku ta' konvenjenza.

Għaldaqstant, dan il-ftehim ma jorbotx u ma tistax issir referenza għalih bħala xi ħaġa li torbot lill-Komunitajiet jekk jinqala' każ quddiem il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea.

## <u>Aktar Żviluppi</u>

Fis-7 ta' Marzu, Alain Poher kien ġie elett bħala President tal-Parlament Ewropew minflok Leemans.

Fil-31 ta' Marzu, il-Kummissjoni poġġiet quddiem il-Kunsill il-proposti tagħha dwar l-iffinanzjar tal-Politika Agrikola Komuni, dħul indipendenti għall-Komunita', u aktar poteri wiesha għall-Parlament Ewropew.

Dan seta' jsir minħabba li Franza kienet reġgħet bdiet tieħu sehem fl-istituzzjonijiet tal-Komunita' wara li kif rajna ma kinitx qablet fuq l-iffinanzjar tal-Politika Agrikola Komuni u wara li kien intlaħaq il-Kompromess tal-Lussemburgu.

Hawnhekk ta' min ifakkar ukoll li għalkemm issa l-Parlament għandi xi poteri aktar milli kellu qabel, għadu sa' llum kważi bla poteri ta' xejn, ħlief li jiġi kkonsultat mill-istituzzjonijiet l-oħra tal-Komunita', issa ta' l-Unjoni Ewropea.

**Ratifika**

Il-Belġju rratifika t-Trattat li permezz tiegħu kienet twaqqfet Kummissjoni u Kunsill wieħed minflok it-tlieta li kien hemm qabel fil-5 ta' April, waqt li l-Italja rratifikat dan it-Trattat fid-29 tax-xahar. Il-Lussemburgu kien irratifikah fit-30 ta' Ġunju, waqt li l-Olanda kienet irratifikatu fil-25 ta' Ottubru.

**Aktar Laqgħat, Deċiżjonijiet u Riżoluzzjonijiet**

Fil-11 ta' Mejju, il-Kunsill kien reġa' ltaqa' u addotta deċiżjonijiet u riżoluzzjonijiet dwar iż-żmien u l-iffinanzjar tal-Politika Agrikola Komuni u d-determina l-oġġettivi tiegħu f'oqsma oħra ta' nteress komuni.

Fit-28 ta' Novembru kienet saret laqgħa flimkien bejn l-istituzzjonijiet Ewropej, fejn it-taħdidiet kienu kkonċentraw fuq il-progress tal-Komunita' Ewropea lejn għaqda ekonomika u prospetti futuri.

## Is-Sena 1967

### Armonizzazzjoni tat-taxxi u d-Dħul tat-Taxxa tal-VAT

Fid-9 ta' Frar, il-Kunsill tal-Ministri tal-KEE iddeċieda li jarmonizza t-taxxi indiretti fil-Komunita', li jaddotta l-prinċipju tas-sistema tat-taxxa tal-valur miżjud, jiġifieri it-taxxa inġusta u immorali tal-VAT, u li jagħti l-qbil tiegħu għall-ewwel programm ta' politika ekonomika fuq żmien medju li kien jiddefinixxi u jiffissa l-għanijiet tal-politika ekonomika tal-Komunita' għas-snin li ġejjin.

Għaldaqstant, it-taxxa inġusta u immorali tal-VAT trid tiddaħħal bilfors f'kull Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea u m'hemmx għażla għaliha.

Mhux biss, imma kif qed naraw, jekk Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea, anki fuq l-ikel u l-mediċini jkollna nħallsu t-taxxa ingusta u immorali tal-VAT, għaliex l-Unjoni Ewropea ma tridx u m'hijiex se tagħmel eċċezzjoni magħna.

Dak huwa l-futur li qiegħed joffri liċ-ċittadini Maltin u Għawdxin il-Gvern Nazzjonalista.

Futur ta sagrifiċċji kbar, qagħad, teħid tad-drittijiet tagħna, kolonja tal-barrani, inseftru u ninqatlu għall-barrani, u nħallsu t-taxxi inġusti tiegħu.

Fit-13 ta' Marzu, Alain Poher kien reġa' ġie elett bħala President tal-Parlament Ewropew.

### Applikazzjonijiet Għas-Sħubija

Fil-11 ta' Mejju, ir-Renju Unit kien reġa' applika biex jissieħeb fil-Komunita', waqt li kienu applikaw ukoll l-Irlanda u d-Danimarka, u ftit wara, in-Norveġja.

Kif għedt aktar qabel il-poplu Norveġiż kien ċaħad it-talba tal-politiċi tiegħu u ddeċieda fl-interess tiegħu u mhux tal-politiċi u ċaħad il-ftehim tas-sħubija li kienu ffirmaw il-politiċi Norveġiżi.

Minkejja li r-Renju Unit kien reġa' applika, De Gaulle kien għadu ta' l-istess fehma u ma riedx jaċċetta li r-Renju Unit jissieħeb fil-Komunita'.

### Laqgħa Għolja

Bejn id-29 u t-30 ta' Mejju kienet inżammet Laqgħa Għolja ġewwa Ruma, fl-Italja, biex jiġi ċċelebrat l-10 anniversarju ta' l-iffirmar tat-Trattati KEE u KEEA.

Il-Kapijiet ta' Stat jew Gvern fissru l-intenzjonijiet tagħhom li jdaħħlu fis-seħħ it-Trattat li jgħaqqad flimkien l-istituzzjonijiet tat-tliet Komunitajiet[29] mill-1 ta' Lulju 1967.

[29] Merger Treaty

Wieħed irid joqgħod attent li dan it-Trattat ma kienx qed jgħaqqad it-tliet Komunitajiet flimkien f'Komunita' waħda, imma kien qiegħed jgħaqqad flimkien u jagħmel Kummissjoni waħda u Kunsill wieħed għat-tliet Komunitajiet.

Tant dan kien minnu, li huma kellhom japplikaw ir-regoli ta' kull Komunita' separatament meta jkunu qed jiddeċiedu fuq affarijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' xi Komunita' partikolari.

Fit-30 ta' Ġunju, il-Kummissjoni kienet iffirmat l-Att Finali tal-Ftehim Ġenerali fuq it-Tariffi u l-Kummerċ[30] li kien sar wara n-negozjati multilaterali.

Pass ieħor biex il-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, tieħu post l-Istati Membri tagħha fil-mixja lejn it-twaqqif ta' Stat Federali Ewropew.

**L-Att Wieħed Ewropew Jidħol fis-Seħħ**

Fl-1 ta' Lulju, it-Trattat Wieħed Ewropew li kif rajna qabel l-għan tiegħu kien li jagħmel Kummissjoni waħda u Kunsill wieħed għat-tliet Komunitajiet, jiġifieri l-KEFA, KEE u KEEA kien daħal fis-seħħ kif kien ippjanat.

Irrid infakkar li minkejja li kienu saru Kummissjoni waħda u Kunsill wieħed, meta kienu jiġu biex jiddeċiedu xi ħaġa kienu japplikaw ir-regoli ta' dik il-Komunita' partikolari li jkunu qed jiddeċiedu dwarha.

Wara d-dħul fis-seħħ ta' l-Att Wieħed Ewropew, it-titoli uffiċjali tal-Kummissjoni u tal-Kunsill ma baqgħux sempliċiment il-Kummissjoni jew il-Kunsill ta' dik il-Komunita' partikolari, jew, fil-każ tal-KEFA, l-Awtorita' Għolja, imma t-titolu uffiċjali sar il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej.

Madankollu, dawn it-titoli jintużaw biss bħala formalita' meta, bħala eżempju, huma jiftħu xi kawża jew tinfetaħ xi kawża kontrihom. Barra minn hekk, issa li hemm l-Unjoni Ewropea, huma aktar magħrufa bħala l-Kummissjoni u l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

**Żviluppi Oħra**

Fit-3 ta' Lulju, il-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej, issa ta' l-Unjoni Ewropea, kien żamm l-ewwel sessjoni tiegħu taħt il-Presidenza tal-Ġermanja, waqt li fis-6 tax-xahar, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, issa ta' l-Unjoni Ewropea taħt il-Presidenza ta' Jean Rey, kienet bdiet il-ħidma tagħha.

Fit-13 ta' Settembru, il-Kummissjoni tat l-opinjoni tagħha, dik magħrufa wkoll bħala "avis", dwar l-applikazzjonijiet għas-sħubija tar-Renju Unit, id-Danimarka, l-Irlanda u n-Norveġja.

Fit-28 ta' Novembru, l-Istituzzjonijiet kienu għamlu l-laqgħa ta' kull sena flimkien u tħaddtu dwar xi żvilupp kien jidher għall-Komunitajiet wara li l-istituzzjonijiet tat-tliet Komunitajiet, jiġifieri l-Kummissjonijiet u l-Awtoria' Għolja min-naħa, u l-Kunsilli min-naħa l-oħra, kienu ingħaqdu flimkien.

[30] Kennedy Round

## Is-Sena 1968

Is-sena 1968 bdiet billi fl-1 ta' Jannar, il-Presidenza tal-Kunsill għaddiet għand Franza, waqt li fit-12 ta' Marzu, Alain Poher reġa' ġie elett bħala President tal-Parlament Ewropew. Fl-1 ta' Lulju, il-Presidenza reġgħet għaddiet għand l-Italja.

### Għaqda Doganali

Fl-ewwel ta' Lulju, daħlet fis-seħħ l-għaqda doganali[31]. Dan kien ifisser li d-dazji tad-dwana kienu tneħħew sena u nofs qabel iż-żmien miftiehem skond it-Trattat ta' Ruma.

Fisser ukoll illi kienet daħlet fis-seħħ it-Tariffa Komuni tad-Dwana minflok id-dazji li kellhom qabel l-Istati Membri.

Għaldaqstant, l-Istati Membri kien spiċċalhom ukoll id-dritt li jagħmlu d-dazji tad-dwana tagħhom u kellhom idaħħlu dawk id-dazji skond it-Tariffa Komuni tad-Dwana.

Dan kien ifisser ukoll li huma ma setgħux iħallu affarijiet minn barra l-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, jidħlu bla ma jħallsu d-dazju skond it-Tariffa Komuni.

Barra minn hekk, huma ma setgħux jiftehmu ma' xi pajjiż ieħor li l-affarijiet li jimpurtaw mingħandu ma jħallsux dazju għax id-dazju ried jinġabar bilfors għaliex id-dazju li jinġabar imur kollu għall-Unjoni Ewropea u ma jibqax aktar għand l-Istati Membri.

Dan kien ifisser ukoll li t-telf tad-dazju li qabel kienu jdaħħlu riedu jġibuh minn xi mkien ieħor.

Għaldaqstant, biex jagħmlu tajjeb għal dan it-telf kellhom idaħħlu taxxi oħra li ċ-ċittadini tagħhom kellhom bilfors iħallsu.

Minn dawn l-affarijiet wieħed malajr jinduna għaliex iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea huma mikula bit-taxxi, għaliex waqt li qabel kienu jħallsu, fost affarijiet oħra, id-dazju li kien jibqa' għand l-Istat Membru, issa mhux biss riedu jħallsu d-dazju li jmur għand l-Unjoni Ewropea, imma kellhom iħallsu aktar taxxi lill-Istat Membru biex jagħmlu tajjeb għat-telf ta' dazju li issa kien qed imur għand l-Unjoni Ewropea.

Kif jgħidu t-Taljani, sopra corne bastonate.

### Il-Qorti Tagħlaq Għaxar Snin

Fit-23 ta' Ottubru, il-Qorti tal-Komunitajiet Ewropej, issa ta' l-Unjoni Ewropea, kienet iċċelebrat l-għaxar anniversarju tat-twaqqif tagħha bħala Qorti tal-Komunitajiet Ewropej.

Biex jiġi ċċelebrat dan l-anniversarju, kienu attendew numru kbir ta' rappreżentanti mill-istituzzjonijiet tal-Komunita', il-Gvernijiet, Qrati Għolja u Tribunali Amministrattivi mill-Istati Membri. Kulħadd jixxala, jiekol u jixrob għax hemm iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż bit-taxxi tagħhom.

[31] Customs Union

**Istituzzjonijiet mhux Demokratiċi**

Fis-27 ta' Novembru, il-Kunsill, il-Parlament u l-Kummissjoni bidlu l-ħsiebijiet tagħhom fuq il-prospetti tal-Komunitajiet Ewropej.

Din il-laqgħa qajjmet diskussjoni dwar il-ħtieġa li jġibu l-makkinarju ta' l-istituzzjonijiet demokratiku - li jfisser li kienu jafu li ma kienx u kif għadu hekk sal-lum - isaħħuh u jwessuh - ħaġa li huma għamlu għaliex l-istituzzjonijiet komplew kibru u ħadu aktar drittijiet mingħand l-Istati Membri – biex jiggarantixxu l-futur tal-KEEA[32] u biex iwaqqfu kooperazzjoni eqreb fil-qasam monetarju.

Mill-iżviluppi li komplew isiru maż-żmienijiet, wieħed malajr jinduna li l-istituzzjonijiet tal-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, komplew jissaħħu dejjem aktar waqt li l-Istati Membri dejjem komplew jiddajfu aktar, bl-istituzzjonijiet Ewropej jieħdu dejjem iżjed drittijiet mingħand l-Istati Membri fil-mixja lejn Stat Federali Ewropew jew l-Istati Uniti ta' l-Ewropa bl-isem ta' Unjoni Ewropea.

Infakkar li d-drittijiet li l-istituzzjonijiet tal-Komunita' Ewropea, issa Unjoni Ewropea kienu qed jieħdu mingħand l-Istati membri kienu drittijiet li skond il-liġi internazzjonali kienu ta' l-Istati Membri.

Għaldaqstant, il-fatt li dawn id-drittijiet kienu qed jittieħdu mill-istituzzjonijiet tal-Komunita' jfisser li huma kienu qed jieħdu dawn id-drittijiet biex jidħlu minflok l-Istati Membri fir-relazzjonijiet ma' Stati u organizzazzjonijiet li ma jkunux membri tal-Komunitajiet Ewropej, issa l-Unjoni Ewropea.

Kull dritt meħud mingħand l-Istati Membri kien ifisser pass ieħor fil-mixja lejn it-twaqqif ta' Stat Federali Ewropew bl-isem ta' l-Unjoni Ewropea.

[32] KEEA Komunita Ewropea ta' l-Enerġija Atomika Euratom

## Is-Sena 1969

Is-sena 1969 bdiet billi l-Presidenza tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej għaddiet għand il-Lussemburgu.

Bejn is-6 u s-7 ta' Frar, kien sar Kunsill ta' l-Għaqda Ewropea tal-Punent ġewwa l-Lussemburgu. Din l-Għaqda hija għaqda militari ta' pajjiżi tal-Punent li l-għan tagħha huwa d-difiża ta' l-Istati Membri kontra xi attakk fuq xi wieħed minnhom.

Għaqda militari oħra li turi l-fissazzjoni tal-membri tagħha li huma se jiġu attakkati, li madankollu, tirrifletti wkoll il-biża tagħhom minħabba dak li kien ġara fil-gwerer ta' qabel u dak li kienu qed jaraw bħala t-theddida mill-Unjoni Sovjetika u l-pajjiżi kommunisti tal-Patt ta' Varsavja[33].

Mill-1 ta' Lulju, il-Presidenza tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej għaddiet għand l-Olanda, waqt li fis-6 tax-xahar, Jean Rey kien reġa' nħatar bħala l-President tal-Kummissjoni.

## Ħlasijiet mill-Istati Membri

Fis-16 ta' Lulju naraw aktar indħil mill-istituzzjonijiet Ewropej fuq il-ħlasijiet tagħhom, meta l-Kummissjoni bagħtet memorandum lill-Kunsill biex jinbidlu l-kontribuzzjonijiet ta' l-Istati Membri u l-Komunitajiet ikollhom id-dħul tagħhom stess, kif ukoll biex ikabbru l-poter ta' l-estimi tal-Parlament Ewropew.

Dan kien ifisser li l-istituzzjonijiet bdew jaraw kif se jiġbru l-flus barra minn dawk li kull Stat Membru kien obbligat li jagħti lill-istituzzjonijiet skond kemm kull Stat Membru jkun ipproduċa.

Għaldaqstant, dan kien ifisser li ċ-ċittadini ta' kull Stat Membru riedu jiġu b'xi mod intaxxati biex jagħmlu tajjeb għat-tberbiq ta' l-istituzzjonijiet fix-xalar tagħhom minn fuq dahar iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.

Fil-fatt, il-Komunitajiet Ewropej, issa l-Unjoni Ewropea, barra mill-kontribuzzjoni ta' kull Stat Membru li hija maħduma fuq il-prodott gross domestiku, parti mit-taxxa inġusta u immorali tal-VAT tmur lejn l-Unjoni Ewropea, kif imorru wkoll id-dazji u l-levies li hija tordna li jitħallsu fuq prodotti li jinxtraw minn pajjiżi li ma jkunux membri tagħha.

Madankollu, it-tberbiq bla rażan mill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea huwa enormi.

Mhux ta' b'xejn li kien hemm sejħiet, fosthom minn Jose' Maria Gil-Robles li kien President tal-Parlament Ewropew, biex iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri jibdew iħallsu dik li ġiet imsejħa bħala "**Taxxa Ewropea**" li minn bwiet iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea tmur dritt għall-Unjoni Ewropea.

Din it-taxxa mhux se tnaqqas xi taxxi li jitħallsu bħalissa, imma tkun imħallsa flimkien mat-taxxi l-oħra kollha li ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea huma mgħobbijin u mfarrkin bihom.

---

[33] Warsaw Pact

## Aġġornament ta' l-Avis

Bejn it-22 u t-23 ta' Lulju, il-Kunsill reġa' beda jeżamina l-applikazzjonijiet għas-sħubija tar-Renju Unit, id-Danimarka, l-Irlanda u n-Norveġja.

Il-Kunsill kien talab lill-Kummissjoni biex taġġorna l-opinjoni tagħha, dik magħrufa bħala "avis" li kienet bagħtet qabel f'Settembru 1967 fuq l-applikazzjoni ta' dawn il-pajjiżi.

Dan l-aġġornament kien sar u kien ingħata fl-10 ta' Awissu għal nhar San Lawrenz.

Tgħid din kienet indikazzjoni li dawk il-pajjiżi applikanti kienu se jinħarqu bħal San Lawrenz bis-sħubija tagħhom fil-Komunitajiet Ewropej?

Illum qed naraw kemm dawn il-popli qed jiddispjaċihom li saru membri bl-indħil żejjed li dejjem jiżdied mill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea u t-tnaqqir tad-drittijiet tagħhom.

Iż-żmien qasir li ħadet il-Kummissjoni biex taġġorna l-opinjoni tagħha juri wkoll kemm meta' l-Kummissjoni tkun trid tgħaġġel malajr tlesti.

Għall-1 ta' Ottubru, il-Kummissjoni kienet bagħtet ukoll opinjoni supplimentari fuq l-applikazzjonijiet għas-sħubija tar-Renju Unit, id-Danimarka, l-Irlanda u n-Norveġja, waqt li fil-15 ta' Ottubru, il-Kummissjoni bagħtet abbozz ta' deċiżjoni lill-Kunsill biex tipprovdi lill-Komunita' bl-istrumenti meħtieġa biex tmexxi 'il quddiem politika ta' żvilupp reġjonali.

## Livell Internazzjonali

Fuq livell internazzjonali, id-29 ta' Awissu, kienet ġiet iffirmata t-tieni konvenzjoni ta' Jaunde'[34], waqt li bejn is-26 ta' Awissu u t-23 ta' Settembru, kienet saret id-disa' sessjoni tal-Konferenza tal-Ġnus Magħquda fuq il-Kummerċ u Żvilupp[35] ġewwa Geneva, fl-Isvizzera.

It-taħdidiet kienu kkonċentraw l-aktar fuq il-kontribuzzjoni ta' din l-organizzazzjoni għal dak li kienu magħrufa bħala t-tieni għaxar snin ta' żvilupp tal-Ġnus Magħquda[36].

## Il-Każ Stauder

Il-każ Stauder kontra l-Belt ta' Ulm[37] kien dwar il-protezzjoni tad-drittijiet ta' l-individwu.

Il-kwistjoni kienet li Stauder kien intitolat li jieħu butir issussidjat minħabba li kien jirċievi l-għajnuna soċjali.

L-awtoritajiet tal-Belt ta' Ulm kienu jitolbu li timtela formola li biha jkun magħruf min ikun qiegħed jirċievi din l-għajnuna.

---

[34] Yaounde'
[35] United Nations Conference on Trade and Development UNCTAD
[36] Second UN Development Decade
[37] Erich Stauder v City of Ulm – Sozialamt Case 29-69 European Court Reports 1969 Page 00419

Dan kien sar minħabba li t-testi ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni[38] dwar l-għoti ta' dan il-butir fl-ilsna differenti kienet tista' tiftiehem b'mod differenti.

Mis-sentenza tal-Qorti stess joħroġ li l-Kummissjoni kienet qed tagħti dan il-butir issussidjat minħabba li riedet li tħeġġeġ biex jinxtara aktar butir biex tnaqqas l-ammont kbir ta' butir li kellha maħżun, u mhux għax kellha qalba tant tajba u kienet ħerqana li riedet tgħin lill-fqar.

Stauder sostna li l-fatt li meta jmur jixtri l-butir issussidjat huwa jkollu jidentifika ruħu mal-bejjiegħ kien qiegħed ikun ta' mistħija għalih u jħossu degradanti.

Il-Qorti tal-Komunita', issa ta' l-Unjoni Ewropea, kienet qalet li ma kien hemm xejn ħażin li wieħed li jkun intitolat għal dan il-butir issussidjat ikun magħruf ismu lill-bejjiegħ minn fejn jixtri l-butir.

Il-Qorti qalet ukoll li d-drittijiet ta' l-individwu huma parti mill-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Komunita' u li jinkludu d-drittijiet fundamentali ta' l-individwu, kif ukoll li hija kellha tiżgura r-rispett tagħhom.

Madankollu, wieħed ma jistax ma jikkummentax fuq dak li qalet il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea li d-drittijiet ta' l-individwu huma parti mill-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Komunita' u li jinkludu d-drittijiet fundamentali ta' l-individwu, kif ukoll li hija kellha tiżgura r-rispett tagħhom.

L-Istati Membri tal-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, huma kollha firmatarji tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill ta' l-Ewropa, u għaldaqstant, kull persuna li tkun fit-territorju tagħhom għandha dritt li tmur quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill ta' l-Ewropa jekk id-drittijiet tagħha jinkisru.

Għaldaqstant, il-fatt li l-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea qalet li hija kellha wkoll tiżgura r-rispett tagħhom kien attentat biex hija tidher sabiħa u li trid tħarishom minħabba li ma tridx tissottometti ruħha għall-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li hija l-Qorti tal-Kunsill ta' l-Ewropa imwaqqfa biex tipproteġi d-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet fundamentali.

Dan ikompli joħroġ ċar aktar 'il quddiem fejn il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea kienet qalet li l-Unjoni Ewropea ma tistax tiffirma l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

Dan sar biss biex l-Unjoni Ewropea, u awtomatikament hija stess, ma jkunux sottomessi lejn il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

**Laqgħa Għolja**

Bejn l-1 u t-2 ta' Diċembru, kienet saret Laqgħa Għolja[39] ġewwa The Hague, fl-Olanda. F'din il-laqgħa, il-Kapijiet ta' Stat jew Gvern kienu kkonfermaw ir-rieda tagħhom li jkomplu mixjin għal għaqda ekonomika u monetarja ġenwina[40] u

[38] Decision of the Commission of the European Communities of 12 February 1969 (69/71/EEC)
[39] Summit meeting
[40] Gradual advance towards a genuine economic and monetary union

allinjament eqreb tal-politika soċjali li din tinħtieġ[41]. Huma reġgħu affirmaw ukoll il-ftehim tagħhom fuq il-prinċipju tat-tkabbir tal-Komunita'.

Fil-11 ta' Diċembru, Jean Rey, president tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, wera s-sodisfazzjon tiegħu quddiem il-Parlament Ewropew għad-deċiżjonijiet meħuda mil-Laqgħa Għolja dwar it-tkomplija u t-tisħiħ tal-Komunita' Ewropea.

Fl-aħħar tax-xahar, il-perjodu transitorju mbassar mit-Trattat fuq il-Komunitajiet Ekonomiċi Ewropej (KEE) biex iwaqqfu fil-prattika s-suq komuni kien għadda.

[41] Close alignment of social policies this entails